**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru , 2015**

**Rikors nru: 243/2014 MLF**

**Occudent Limited**

**Vs**

**Manfredi S.R.L.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li fih talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha is-somma ta' ghaxart elef, seba' mija erbgha u tletin Euro (€10,734), rifuzjoni ta' hlas maghmul lilha kontra fattura taghha, kopja annessa u mmarkata bhala DOK 1, fir-rigward ta' merkanzija li qatt ma giet konsenjata, liema somma hija ma rifondietx minkejja diversi interpellanzi bil-miktub u bil-fomm. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Rat li s-socjeta konvenuta giet notifikata l-Italja tramite l-procedura kontemplata fir-Regolament tal-Unjoni Ewropea 1393/2007.

Minkejja li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, hija ma dehritx fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2015 u lanqasipprezentat risposta.

Fis-seduta tat-3 ta' Gunju, 2015 xehed Karl Barthet, managing director tas-socjeta' attrici, li xehed li minn meta nfethet il-kawza sa dak in-nhar, is-socjeta konvenuta ma ghamlet l-ebda pagament, u ghalhekk, l-ammont kollu pretiz fir-rikors promotur ghadu dovut. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontestata, u din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn ma temminx din ix-xhieda.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tordna li s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' ghaxart elef, seba' mija erbgha u tletin Euro (€10,734), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**